MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1256/1996/1

**Godfrey Aquilina, bhala Mandatarju tas-socjeta' estera COMMENWEALTH u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 1997 il-kelma "Commenwealth" qed tigi sostitwita bil-kelma "COMMONWEALTH" EDUCATIONAL SOCIETY LTD" ta' Madrid, Spanja.**

**vs**

**Veronica u Natalino konjugi Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' tlett mija u hamsa u

disghin Liri Maltin (Lm395.00c) import tal-prezz ta' diversi kotba lill-konvenuti mibjugha u kkonsenajti mill-attur nomine skond l-Iskrittura tat-13 ta' Marzu, 1996 (Dok A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv, u dana prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu kif lill-konvenuti koncess mill-attur nomine fl-istess skrittura, u dana senjatament sew minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-konvenuti fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu mill-konvenuti accettati pero' effettivament gew mill-konvenuti rifjutati meta l-attur nomine wasal sabiex jikkonsenjahom lill-konvenuti fit-terminu previst fl-Iskrittura, kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenuti rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess Skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-Iskrittura, kellhom jibdew jigu mill-konvenuti effettwati lill-attur nomine b'effett mit-13 ta' Mejju 1996, bir-rata ta' Lm15.80c kull  wiehed, izda li baqghu ma sarux.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju, 1996 kif ukoll tac-Cedola ta' Depozitu prezentata mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti u markat <u>Dok A</u>.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 9) u li biha eccepew:

Preliminarjament, illi Godrey Aquilina ma ghandux r-rapprezentanza tas-socjeta' Commonwealth Educational Society Limited u lanqas huwa awtorizzat jistitwixxi l-odierni proceduri.

Sussidjarjament u minghajr preduzzju ghall-premess, fil-meritu t-talbiet tal-attur nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-kuntratt fl-ewwel lok ma kienx miftiehem bil-kunsens taz-zewg konjugi (il-kunsens ta' Natalino Spiteri kien nieqes) u f'kull kaz l-istess kuntratt huwa ikkancellat a tenur tal-artikoli 8 u 10 tal-Kap. 317.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-istess konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni (fol 17 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 86 u a fol 87 ibid kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess attur nomine a fol 88 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi prodotti mill-partijiet involuti f'dan il-kaz, irrizultaw is-segwenti fatti:-

a) Fit-13 ta' Marzu 1996, il-konvenuta wahedha, kienet iffirmat il-ftehim anness mal-atti a fol 2. Permezz tal-istess ftehim, regolat kemm mill-Kapitolu 317 tal-Ligijiet ta' Malta kemm mir-regoli generali dwar obligazzjonijiet u bejgh stipulati fil-Kodici Civili, il-konvenuta obligat ruhha li tixtri l-kotba hemm specifikati b'dan li l-istess ftehim seta' jigi kancellat mill-istess konvenuti skond l-artikolu 8 tal-Kaptiolu citat u kif specifikat fl-istess ftehim. Skond l-istess artikolu citat ftehim bhal dak in desamina maghruf bhala "a doorstep contract" jista' jigi kancellat mill-konsumatur fi zmien hmistax-il jum mid-data tal-istess ftehim u dan bil-modalitajiet specifikati fl-istess artikolu fosthom permezz ta' ittra postali registrata. Dwar dan l-ahhar punt l-istess ftehim specifikatament jghid illi dan jista' jigi kancellat permezz tal-konsenja "either by hand or by registered post at the Local Representative's address". Jinghad ulterjorment li "This contract will not be otherwise affected by any verbal representation or agreement differing in any way from this contract".

b) Meta xehdet il-konvenuta (fol 68 et seq ibid) din spejegat li kienet iffirmat l-istess ftehim in kwistjoni u dan minhabba li "…. Is-sales representative (aktarx certu Joseph Mercieca) tal-attur nomine ….. tant kemm kien fitt, li geghlni niffirma" il-ftehim anness mal-atti a fol 2. Fl-istess data tal-ftehim, filghaxija, hi kienet iddiskutiet il-kaz ma zewgha u filfatt iddeciediet li jikkancellaw l-istess ftehim ghax "…. Ma kellniex bzonnhom (ara fol 71 ibid)".

Ghalhekk skond l-istess konvenuta, l-ghada stess hi iffirmat il-"cancellation notice”, li kienet annessa mal-istess ftehim in esami, “u bghattha bil-posta komuni”. Il-konvenuti dwar dan, issostnu li “… hadd ma kien informani li kelli nibghata b’posta registrata” anzi “Is-salesman kien spegali, meta kont qed niffirma l-ftehim li kelli nibghat, jekk ridt il-“cancellation notice” fi zmien hmistax il-gurnata”.

c) Jigi notat li l-konvenuta semmiet li s-“sales representative” kien, aktarx Joseph Mercieca. In rigward dan, kien saru diversi tentattivi da parti taghhom sabiex dan jixhed wara li l-istess attur nomine kien, taht gurament, informa lill-Qorti x’kien l-indirizz ta’ dan stante li ma kienx ghadu impjegat bhala “delivery man” mal-istess attur nomine (ara fol 48 ibid). Pero dan ix-xhud qatt ma gie notifikat sabiex jixhed pricipalment minhabba li inharget tahrika, fuq indirizz differenti minn dak mghoti mill-attur nomine u dan in rigward l-isem tad-dar ta’ residenza. Inoltre, u filfatt, jidher li s-“salesman” involut kien Wyndham Bezzina (fol 44 et seq ibid) li gie prodott bhala xhud mill-istess konvenuti. Dan sostna li filfatt, kien informa lill-konvenuta dwar x’kienu il-modalitajiet korretti, skond li-stess ftehim dwar il-kancellament ta’ dan.

d) L-attur nomine eskluda b’mod kategoriku li qatt ircieva l-“cancellation form” f’dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati il-fatti in esami, u in rigward it-tieni eccezzjoni kif sottomessa, ghandu jinghad li:-

i) Din il-Qorti, kif presjeduta, di gja kellha okkazjoni sabiex tirreferi ghas-sentenza, citata a fol 89 tal-atti u fl-ismijiet Godfrey Aquilina nomine vs Joseph Falzon et decisa fis-16 ta’ Ottubru 1998 (Cit Numru 985/95GCD). Din kienet iddecidiet li mara mizzewga ghandha il-kapacita’ li tidhol f’obligazzjonjiet minghajr il-kunsens jew l-assistenza ta’ zewgha. Filfatt l-iskrittura in esami torbot lill-konvenuta wahedha u ghandha taghmel tajba ghall-istess obligazzjonjiet bil-beni parafernali taghha u

sekondarjament bil-beni appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti sal-valur tal-konvenuta mill-istess akkwisti. Ghalhekk, f'dan il-kaz, il-ftehim in esami ghandu jigi ritenut validu fil-ligi vis-à-vis l-istess konvenuta.

ii) Mix-xhieda tal-istess konvenuta, jidher li l-"cancellation form" kienet intbghatet permezz ta' posta ordinarja waqt li l-attur nomine jsostni li l-istess dikjarazzjoni ta' kancellament qatt ma irceviha. Hawnhekk jidher evidenti li l-konvenuta ma ottempratx ruhha ma dak stipulat fl-istess ftehim in materia ta' kancellament. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tara kif tista' tikkonkludi li dan il-ftehim kien gie kancellat skond kif stipulat fl-istess ftehim.

iii) Fl-istess eccezzjoni, hemm referenza ukoll ghall-artikolu 10 tal-istess ligi li jghid li f'kaz li ftehim bhal dan ma giex kancellat kif inghad, "the consumer shall not have a right to cancel the doorstep contract without just cause". Hawnhekk jidher evidenti li ma tresqet ebda prova, da parti tal-konvenuti, li turi li huma ghandhom "gusta kawza" sabiex jikkancellaw l-istess ftehim, liema gusta kawza tista' tkun jew sball ta' fatt sostanzjali jew, ghemil doluz permezz ta' ingann jew raggiri li jivvizjaw il-kunsens jew xi nuqqas iehor in rigward l-elementi essenzjali ghal validita' ta' kull obligazzjoni. In rigward dan, sar biss accenn fl-eccezzjoni in esami billi saret referenza ghall-artikolu 10 citat minghajr, pero', ma ingiebet ebda hjiel ta' prova dwar l-istess.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront tal-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta u filwaqt li tiddikjara li l-istess konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu lilha koncess fl-istess ftehim ossija skrittura hawn fuq imsemmija, tikkudanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lilll-attur nomine is-somma ta' Lm395.00,0 bl-imghax legali

mill-11 ta‘ Gunju 1996 sad-data tal-pagmaent effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Gunju 1996 u tac-cedola ta’ depositu tat-12 ta’ Novembru 1996, imsemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------